*Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2024*

# Regolamenti

## Kategorija 1 – Prodotti Artiġjanali

Din il-kategorija tirrikonoxxi l-artiġjana li juru prodotti li jgħollu l-profil tad-

**DISINN MALTI, L-INNOVAZZJONI u L-MANIFATTURA.**

Dan il-premju jirrikonoxxi l-eċċellenza fl-artiġjanat. L-għan tal-premju hu li titqajjem kuxjenza dwar it-talenti tal-artiġjana. Barra x-xogħol artiġjanali li jrid jilħaq livell ta' eċċellenza, l-innovazzjoni u l-viżjoni artistika tal-artiġjan iridu jiġu riflessi fir-rebħ ta' dan il-premju. Ix-xogħol rebbieħ irid ikun mera tax-xogħol tradizzjonali filwaqt li juri r-relevenza għall-ġurnata ta' llum u jkun dimostrazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-kultura Maltija.

## 1. Definizzjonijiet

1.1 **Applikant**: il-persuna li qiegħda tissottometti l-applikazzjoni, kemm bħala individwu, bħala grupp jew bħala organiżazzjoni.
1.2 **Xogħol**: il-prodott artiġjanali li qiegħed jiġi ppreżentat għall-kompetizzjoni.
1.3 **Kumitat Organiżattiv:** il-kumitat responsabbli biex jistruttura l-kompetizzjoni, biex jirċievi u jiċċekkja l-applikazzjonijiet u biex jorganizza l-esebizzjoni u ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet.
1.4 **Kumitat ta' Selezzjoni**: kumitat kompost minn esperti minn diversi Organiżazzjonijiet tal-Gvern kif ukoll minn rappreżentanti ta' organiżazzjonijiet tal-Artiġjanat u l-Arti. Il-Kumitat huwa responsabbli mill-evalwazzjoni tal-prodotti sottomessi għall-kompetizzjoni.
1.5 **Organiżazzjoni:** tirreferi għal sħubija pubblika/privata kif ukoll għal organiżazzjonijiet pubbliċi jew privati**.** Fil-każ ta' organiżazzjonijiet pubbliċi, trid issir distinzjoni bejn:

- Dawk l-organiżazzjonijiet li kienu ġew imwaqqfa apposta biex jgħallmu l-artiġjanat u/jew huma involuti fis-settur tal-artiġjanat b'diversi modi (dawn huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni onlajn BISS), u
- Dawk l-organiżazzjonijiet li m'għandhomx l-artiġjanat fil-mandat u fid-dmirijiet tagħhom (dawn huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni).

1.6 Is-Sottokategoriji f'din il-Kategorija huma mniżżla hawn taħt. Dawn huma bbażati fuq il-Lista ta' Artiġjanat Malti skond L.S. 421.02 (mehmuża fl-Anness). Fil-qawsejn wieħed jista' jsib l-artiġjanat eliġibbli għal kull kategorija kif joħroġ mill-istess lista. Jekk it-tip ta' prodott artiġjanali mhux imniżżel fil-lista, agħżel l-aktar sottokategorija adekwata.
1.6.1 **Sottokategorija A – Tessuti** (13, 20, 21, 25, 30, 32, 35, 36)
1.6.2 **Sottokategorija B – Ikel u Xorb** (1, 2, 3, 4)
1.6.3 **Sottokategorija Ċ - Xogħol ta' Ħġieġ u Ċeramika** (14, 22)
1.6.4 **Sottokategorija D - Materjali Prezzjużi** (12)
1.6.5 **Sottokategorija E - Immuddellar, Pittura u Skultura** (16, 26, 28, 29,33, 37, 38, 39, 40, 41, 42 43, 44, 45)
1.6.6 **Sottokategorija F - Materjali mhux prezzjużi** (5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 15, 17, 18, 19, 23, 24, 27, 32, 34, 46)
1.6.7 **Sottokategorija Ġ – Prodotti artiġjanali maħduma minn għaqdiet tal-festa tal-lokal**

## 2. Min jista' Jipparteċipa

2.1 L-Artiġjana kollha nklużi studenti, apprentisti, nies li jipprattikaw l-artiġjanat bħala passatemp basta għandhom sittax -il sena jew aktar fid-data tal-applikazzjoni, joqogħdu fil-gżejjer Maltin u **reġistrati mar-Reġistratur tal-Artiġjanat u Artiġjana fi ħdan id-Dipartiment tal-Kummerċ**. Il-parteċipanti jistgħu jipparteċipaw b'mod individwali jew inkella fi gruppi.
2.2 L-Applikant irid ikun il-persuna/i li ddisinja/w u immanifattura/w il-Prodott fil-maġġor parti tal-proċess tiegħu.

## 3. Min ma jistax Jipparteċipa

3.1 Artiġjana li kienu rebbieħa fl-edizzjonijiet tal-2022 u/jew 2023 fil-Kategorija tal-Prodotti Artiġjanali huma eleġibbli li jipparteċipaw fil-kompetizzjoni virtwali biss. Huma mhux intitolati għall-ebda premju monetarju la jekk jikkompetu bħala gruppi u anke jekk jikkompetu b'mod individwali. Dan jeskludi lil min kien ġie fit-tieni post.

3.2 Impjegati tal-Malta Crafts Foundation u membri tal-familji tagħhom* huma eleġibbli biex jikkompetu biss fil-kompetizzjoni virtwali.

3.3 Membri tal-Kumitat ta' Selezzjoni u membri tal-familji tagħhom* huma eleġibbli biex jikkompetu biss fil-kompetizzjoni virtwali.

3.4 Individwi u entitajiet li rċevew fondi pubbliċi jew fondi Ewropej għall-produzzjoni tal-prodott tagħhom jew entitajiet pubbliċi li l-mandat tagħhom huwa li jgħallmu/jipproduċu prodotti artiġjanali u/jew huma involuti fis-settur tal-artiġjanat b'diversi modi huma eleġibbli biex jikkompetu biss fil-kompetizzjoni virtwali.

***Għall-fini ta' din il-kompetizzjoni, membri tal-familja tfisser: ġenituri, aħwa, konjuġi (inkluż dawk f'unjoni ċivili) u ulied.***

## 4. Ix-Xogħol

4.1 Il-xogħol irid ikun ġie mmanifatturat kollu kemm hu fil-Gżejjer Maltin u jrid ikun inħadem fil-maġġor parti tiegħu wara Jannar 2024. Prova tad-data tal-manifattura trid tiġi sottmessa. F'dak il-każ fejn ikunu saru xi żidiet ma prodott li jkun tlesta / kważi tlesta qabel Jannar 2024, dawn ikunu jridu jiġu ddikjarati u dawk iż-żidiet biss jiġu aġġudikati mill-Kumitat ta' Selezzjoni.

4.2 Irid ikun xogħol uniku, oriġinali u fuq kollox il-maġġor parti tiegħu magħmul bl-idejn.

4.3 Qatt ma rebaħ xi premju f'Malta.

4.4 Prodott artiġjanali wieħed biss jista' jkun ippreżentat f'kull applikazzjoni u kull Applikant ma jistax jissottometti iżjed minn applikazzjoni waħda f'din il-kategorija kemm bħala individwu, fi grupp jew f'xi organiżazzjoni.

4.5 Ix-Xogħol irid ikun ġie disinjat u mmanifatturat fil-maġġor parti tal-proċess tiegħu mill-applikant.

4.6 Ix-Xogħol jista' jikkonsisti f'numru ta' biċċiet li jagħmlu sett.

4.7 Ix-xogħol irid ikun propjeta' tal-applikant minn meta jkun manifatturat sakemm tgħaddi l-kompetizzjoni.

4.8 Prodotti mhux kompluti u prototipi m'humiex eliġibbli biex jipparteċipaw.

4.9 Ix-xogħol irid juri artistrija kemm teknika kif ukoll innovazzjoni fis-sens li fih ikun jidher aġġornament tat-tradizzjoni.

4.10 Affarijiet ta' periklu kif ukoll affarijiet ħajjin ma' jistgħux jiġu esebiti.

4.11 Jekk l-applikant jissottometti ix-xogħol f'kompetizzjoni oħra u jirbaħ premju jew - jekk ix-xogħol ma jibqax fil-pussess tal-applikant jew – għal xi kwalunkwe raġuni x-xogħol jgħaddi għand terzi jew ix-xogħol issirlu xi ħsara wara li l-applikazzjoni tiġi sottomessa, il-parteċipant għandu javża b'ittra elettronika b'mod immedjat lill-Fondazzjoni sabiex ix-xogħol jiġi mneħħi mill-kompetizzjoni. La darba ix-xogħol ġie sottomess għall-kompetizzjoni, mhux se jitħalla jkollu xi tibdil.

## 5. Stadju ta' Applikazzjoni u Validazzjoni

5.1 Il-Perjodu ta' Applikazzjoni ikun miftuħ sal-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2025. Applikazzjonijiet aktar tard mid-data stipulata mhux se jiġu aċċettati.

5.2 Tingħata riċevuta tal-applikazzjoni iżda din ma tkunx tfisser prova tal-validazzjoni.

5.3 Wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, il-Kumitat Organiżattiv janalizza l-applikazzjonijiet kollha. Fil-każ ta' applikazzjoni mhux kompluta, l-Applikant ikun mitlub jirretifika l-formola tal-applikazzjoni f'perjodu speċifikat ta' żmien. Jekk l-Applikant ma jipprovdix l-informazzjoni rikjesta, l-applikazzjoni tkun dikjarata bħala mhux eliġibbli biex tipparteċipa.

5.4 Il-Kumitat Organiżattiv jista' jmexxi applikazzjoni minn sottokategorija għal oħra. Dan isir biss bi ftehim mal-applikant. Fil-każ fejn ma jintlaħaqx ftehim mal-applikant biex titmexxa l-applikazzjoni minn sottokategorija għal oħra, is-sottokategorija li tkun intgħażlet mill-applikant għandha tinżamm u l-eġibilita' tagħha imbagħad tkun determinata mill-Kumitat ta' Selezzjoni fl-istadju ta' evalwazzjoni.

5.5 Fil-każ fejn numru kbir ta' applikazzjonijiet jiġu mitfgħuha f'waħda mis-sottokategoriji, il-kumitat Organiżattiv jirriserva d-dritt illi jsaqsi lill-Kumitat ta' Selezzjoni biex issir 'shortlisting' qabel issir l-evalwazzjoni finali tal-prodotti sottomessi għall-kompetizzjoni.

5.6 Ma' kull applikazzjoni, l-Applikant hu mitlub biex jehmeż **prova tad-data tal-manifattura, 3 ritratti tal-Prodott komplut meħuda minn angoli differenti kif ukoll mhux anqas minn 3 ritratti tal-proċess tal-manifattura tal-Prodott bil-wiċċ tal-artiġjan/a viżibbli u jekk l-applikant jixtieq - produzzjoni awdjoviżiva. Il-Malta Crafts Foundation tirriserva d-dritt li żżomm ir-ritratti u l-vidjo. Ir-ritratti jridu jkunu ta' <u>kwalita' tajba, f'format kemm wieqaf u mindud u f'format diġitali</u> (ritratti mhux skennjati).**

5.7 L-applikanti jistgħu jiġu mitluba juru x-xogħol sottomess lill-Kumitat ta' Selezzjoni f'ġurnata u ħin speċifiku. L-Applikanti huma responsabbli mill-ġarr ta' xogħolhom għall-post speċifikat u lura u għandhom ikopru l-ispejjeż kollha tat-trasport meħtieġ.

5.8 L-applikanti fis-sottokategorija B (Ikel u Xorb) jistgħu jiġu mitluba jissottomettu kampjuni lill-Kumitat ta' Selezzjoni għal evalwazzjoni.

5.9 Dikjarazzjoni qasira dwar il-kunċett wara l-ideja tal-prodott u t-teknika li ntużat għandha tingħata mal-applikazzjoni.

5.10 Kull applikazzjoni kompluta (inkluż ritratti etc) ma tistax tkun akbar minn 10MB meta tintbagħat permezz tal-imejl. Jekk ikbar fid-daqs għandha tintbagħat permezz ta' WeTransfer jew programm simili.

## 6. Esebizzjoni Fiżika u Onlajn

6.1 Ix-xogħol sottomess jiġi esebit fl-Esebizzjoni Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2024 fi kwalunkwe post li tiddeċiedi l-Malta Crafts Foundation.

6.2 L-Applikanti se jkunu responsabbli mill-ġarr ta' xogħolhom għall-post tal-esebizzjoni u għandhom ikopru l-ispejjeż kollha tat-trasport meħtieġ. Il-ġarr irid isir għall-post ta' fejn issir l-esebizzjoni u lura.

6.3 Il-Malta Crafts Foundation għandha d-dritt esklussiv li tiddeċiedi kif u fejn jiġi espost ix-xogħol u għandna d-dritt li ma tesebixxix ix-xogħol jekk ix-xogħol ikun sofra minn xi

ħsarat. Dan kollu se jsir bi preavviż lill-artiġjan. Il-Fondazzjoni se tieħu kull miżura possibbli li tissalvaggwardja l-oġġetti esebiti waqt l-esebizzjoni u wkoll fejn hu neċessarju jsiru poloz ta' assigurazzjoni fuq l-oġġetti msemmija waqt il-permanenza tagħhom fl-esebizzjoni.

6.4 Ix-xogħol sottomess se jkun muri fuq il-midja soċjali fejn il-pubbliku in ġenerali se jkun jista' jivvota għalih. Ir-rebbieħa se jingħataw l-Ġieħ 'L-Għażla tal-Poplu'. Ebda premju monetarju mhu abbinat ma' dan il-ġieħ.

6.5 Wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-ebda promozzjoni tax-xogħol sottomess mhu permissibli li jsir fuq l-ebda pjattaform qabel tibda l-votazzjoni pubblika. Kwalunkwe promozzjoni tax-xogħol sottomess qabel il-votazzjoni pubblika twassal għal skwalifikazzjoni diretta.

6.6 Kwalunkwe promozzjoni waqt il-votazzjoni pubblika jew wara r-rebħ ta' xi premju għandha dejjem issemmi lilll-Premju u tittegja lil Malta Crafts Foundation.

## 7. Ilmenti u Rapporti

7.1 Waqt il-perijodu tal-esebizzjoni, l-applikanti u l-pubbliku in ġenerali jkunu jistgħu jressqu oġġezzjonijiet u/jew jiġbdu l-attenzjoni dwar xi rregolaritajiet fil-prodotti parteċipanti li jkunu qed jiksru xi regolament/i tal-kompetizzjoni.

7.2 Dan ikun jista' jsir fuq formola speċifika li tkun provduta mill-Malta Crafts Foundation.

7.3 Persuni li jirraportaw xi possibilita' ta' irregolarita' jkunu mitluba biex jissostanzjaw l-akkużi u jikkwotaw liema mir-regolamenti jkunu qed jinkisru.

7.4 Tim speċifiku li jkun appontat mill-Malta Crafts Foundation jara dawn ir-rapporti u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Organiżattiv u/jew lill-Kumitat ta' Selezzjoni kif meħtieġ.

7.5 Ilmenti jew rapporti li jaslu wara ż-żmien stipulat ma jkunux ikkunsidrati.

## 8. Kriterji tal-Evalwazzjoni

Kull xogħol ser jiġi evalwat fuq il-kriterji li ġejjin:

**Innovazzjoni - 40% tal-marka totali allokati kif ġej:**

- Novità (10%);
- Interpretazzjoni tax-xogħol tradizzjonali (10%)
- Użu innovattiv tal-materjal (10%)
- Pontenzjal tal-prodott li jista' jiġi kummerċjalizzat (10%)

**Viżjoni artistika - 30% tal-marka totali allokati kif ġej:**

- Immaġinazzjoni u oriġinalità (20%);
- Appell estetiku (10%);

**Teknikalita' - 20% tal-marka totali allokati kif ġej:**

- Kwalita' tat-tekinika li ntużat (10%);
- Użu ta' materjali u proċessi sostenibbli (10%)

**Kontribuzzjoni għall-kultura Maltija - 10% tal-marka totali**

## 9. Premjijiet

9.1 Ser ikun hemm 7 rebbieħa (wieħed għal kull sottokategorija) f'din il-kategorija u dawn jingħataw premju ta' €3,000 kull wieħed.
9.2 Ser ikun hemm 7 prodotti li ser jikkwalifikaw fit-tieni post (wieħed għal kull sottokategorija) u dawn ser jingħataw premju ta' €1,000 kull wieħed.
9.3 Ir-rebbieħa kollha jitħabbru waqt ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li se ssir f'Ġunju/Lulju tas-sena 2025.
9.4 L-applikanti kollha apparti dawk tas-sottokategorija B - Ikel u Xorb, se jikkompetu waqt kompetizzjoni onlajn fejn il-pubbliku in ġenerali se jkun jista' jivvota għall-aqwa f'kull kategorija. Ix-xogħolijiet bl-akbar numru ta' voti se jingħataw l-Ġieħ 'L-Għażla tal-Poplu'. Ebda premju monetarju mhu abbinat ma' dan il-ġieħ.
9.5 Il-Kumitat ta' Selezzjoni jirriserva d-dritt li ma jagħtix premju/premjijiet jekk il-livell tal-iskrizzjonijiet parteċipanti ma jkunx wieħed sodisfaċenti.
9.6 Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat ta' Selezzjoni jkunu kkunsidrati bħala finali. Ebda appell mhu se jiġi milqugħ fi kwalunkwe każ u s-selezzjoni tal-kumitat hi finali u għandha tinżamm kunfidenzjali.
9.7 Il-Malta Crafts Foundation tirriserva d-dritt li tiskwalifika applikanti u/jew tirrevoka premjijiet u/jew tieħu kull azzjoni oħra li li taħseb li tkun neċessarja, jekk l-Applikant jinstab li jkun għamel dikjarazzjoni falza jew ma jkunx irrispetta xi wieħed jew aktar mir-regolamenti imsemmija hawn fuq. Il-Kumitat ta' Selezzjoni jista' jiltaqa' mill-ġdid sabiex jerġa' jagħmel evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet skont il-bżonn bil-possibilità li jerġa' jingħataw l-premjijiet.
9.8 Il-Fondazzjoni se tieħu ħsieb li tinnotifika lill-applikanti kollha dwar id-data tas-serata meta l-finalisti jsiru magħrufa. L-applikanti kollha għandhom ikunu preżenti għas-serata u wkoll għandhom l-obbligu li jirrispondu għad-domandi tal-ġurnalisti fil-bżonn li tinqala' l-eventwalita'.
9.9 F'każ li applikant ma jkunx jista' jattendi ċ-ċerimonja ta' premjazzjoni, dan għandu jinforma lill-Fondazzjoni u jinnomina rappreżentant li jkun jista' jattendi minfloku. Dawn id-dettalji tar-rappreżentant, li jista' jiċievi l-premju għan-nom tal-applikant, iridu jinkludu l-isem, deżinjazzjoni u numru tal-karta tal-identità.
9.10 Ir-rebbieħa jistgħu jintalbu jippreżentaw ix-xogħol sottomess għall-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti waqt DesignMT – f'Settembru jew Ottubru 2025.

## 10. Aspetti Legali

Kull min se jissottometti xogħolu għal din il-kompetizzjoni, irid jaċċetta dawn ir-regoli bla ebda kundizzjoni. F'każ li dawn ir-regoli ma jiġux imħarsa, il-Fondazzjoni tirriserva d-dritt li x-xogħol imsemmi jkun skwalifikat.

Il-Malta Crafts Foundation għandha d-dritt li tirtira, tissospendi, testendi jew timmodifika l-Premju u r-regoli annessi miegħu, f'kull ħin, bla ebda notifika f'każ ta' ċirkostanzi straordinarji jew f'każ li jkun hemm sitwazzjonijiet ulterjuri li jistgħu jxekklu mill-proċedura ta' dan il-premju. L-ebda protest ġudizzjarju taħt kwalunkwe forma ma' jista' jittieħed kontra l-imsemmija

Fondazzjoni mill-parteċipanti. F'każ ta' tibdil fir-regoli dawn jiġu ppublikati fuq il-paġna ta' Facebook tal-Fondazzjoni u/jew fuq il-website tal-Malta Crafts Foundation. Il-parteċipant għandu d-dritt li jiritira l-parteċipazzjoni tiegħu f'każ li ma jaqbilx ma' dawn ir-regoli.

# Anness

<u>Lista ta' arti, ħiliet, snajjà u industriji meqjusa bħala artiġjanat Malti skont L.S. 421,02</u>

1. *Produzzjoni ta' prodotti ta' furnara u dulċiera (bħal ħobż, biskuttini, qagħaq, galletti, qubbajd, pasti, eċċ)*
2. *Produzzjoni tal-Għasel*
3. *Produzzjoni ta' prodotti agrikoli (bħal ġbejniet, prodott imqaddin eż. tin, tadam, eċċ; prodotti preservati u mmellħin, eċċ)*
4. *Produzzjoni ta' nbid u xorb alkoħoliku jew mhux*
5. *Produzzjoni ta' strumenti mużikali*
6. *Produzzjoni ta' pipi tat-Tipjip*
7. *Produzzjoni u tiswija ta' arloġġi*
8. *Produzzjoni ta' melħ*
9. *Produzzjoni tal-ġir*
10. *Produzzjoni ta' karozzini, srieken u inġenji oħra bħalhom*
11. *Xogħol ta' metal (bħal ħadid, landa, ram, bronż, eċċ)*
12. *Xogħol ta' metal prezzjuż (bħal deheb, fidda, eċċ)*
13. *Xogħol ta' tessuti (bħal bizzilla, insiġ, rakkmu, crochet, makramé, tatting)*
14. *Xogħol ta' fuħħar, ċeramika u porċellana jew materjal ieħor ta' xorta simili*
15. *Xogħol ta' plastik, fiberglass jew materjal ieħor ta'xorta simili*
16. *Xogħol ta' xema'*
17. *Xogħol ta' qasab*
18. *Xogħol ta' ġebel*
19. *Xogħol tal-injam (bħal għamara, eċċ)*
20. *Xogħol ta' skarpan*
21. *Xogħol tal-ġild*
22. *Xogħol tal-ħġieġ*
23. *Xogħol ta' restawr*
24. *Xogħol ta' stampar (kotba, rivisti eċċ) u xogħol relatat (bħal illegar)*
25. *Xogħol tal-kpiepel*
26. *Xogħol ta' kartapesta*
27. *Xogħol ta' trofej, medalji u badges*
28. *Xogħol ta' statwi u statwetti*
29. *Xogħol ta' parrukiera, stilisti tax-xagħar, ċentri tas-sbuħija u attivitajiet relatati*
30. *Xogħol ta' tapezzerija*
31. *Xogħol ta' tnegħil*
32. *Xogħol ta' bnadar u stemmi*
33. *Xogħol ta' tpinġija, tabelli bl-idejn, tberfil biż-żebgħa u xogħol relatat*
34. *Manifattura ta' madum*
35. *Ħjata*
36. *Ganutell*
37. *Intarsjar*
38. *Induratura*
39. *Skultura fuq ġebel jew injam*
40. *Bini ta' dgħajjes*

41. *Arranġament ta' fjuri*
42. *Mudellar fit-tafal Malti, injam, landa jew materjal ieħor*
43. *Pirografija*
44. *Tatwaġġ*
45. *Tinqix*
46. *Gwarniċjar*